# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 3.2

## Titlu: Ġesù Fostna

## Lezzjoni 3.2: Ġesù twieled f'Betlem

## L-Għanijiet:



It-tfal:

1. Jieħdu idea ġenerali ta' Betlem.

2. Jiftakru fil-personaġġi msemmija fil-ġrajja tal-Milied.

3. Janalizzaw fejn kienu fil-presepju u x'kienu qed jagħmlu.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Stampi fuq powerpoint ta': Betlem, għar, lukanda.
- Il-Powerpoint: Il-Milied- Festa Ta' Ferħ
- Il-Karta ta' taħriġ 3.2 (mill-Ktieb)



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi fuq l-IWB tpoġġi stampa tar-raħal ta' Betlem.
- Staqsi lit-tfal jagħrfux dan ir-raħal u bħala klu agħtihom li qegħdin fiż-żmien tal-Milied.
- Fakkar li dan kien raħal ċkejken li fiż-żmien tal-Milied kien mimli nies għaliex ir-re ta' dak iż-żmien ried ikun jaf kemm għandu nies fis-saltna tiegħu.
- Fihem li Ġużeppi li kien ġej mir-razza ta' David, u għalhekk kellu jmur jinkiteb f'Betlem.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Staqsi lit-tfal kif jaħsbu li kien dan ir-Raħal, b'tant nies ġo fih. (uri l-powerpoint). Xi risposti tajbin jistgħu jkunu:
  Storbju, kullimkien mimli, għajjat, nies ma jafux lil xulxin, diffiċli biex tixtri li jkollok bżonn.

- Spjega li Ġużeppi u Marija sabu dan it-tip ta' ambjent. Fakkar li kienu ġejjin minn vjaġġ twil bil-mixi u allura t-tnejn li huma kienu għajjenin, speċjalment Marija li dalwaqt kien ser ikollha lil Ġesù.



- Fakkar li ma sabux post fejn joqogħdu (uri stampa 2 mill-powerpoint) u kellhom jikkuntentaw li jitbiegħdu mir-raħal u joqogħdu ġo għar vojt (stampa 3 mill-powerpoint).
- Spjega kif Marija welldet lil Ġesù f'dan l-ambjent li żgur ma kienx komdu għaliha.
- Staqsi jekk it-tfal jaħsbux li kienu kuntenti. Oħroġ il-punt li, iva, kienu kuntenti.
- Spjega li tajjeb li fl-ambjenti li jkunu fih jaħdmu biex ikunu kuntenti.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet u wara li jiddiskutu l-personaġġi u fejn kien posthom fil-presepju, ipinġuhom.
- Iddiskuti Attività 'Illum Niddiskutu u nitgħallmu din'. Oħroġ it-tifsira tal-kelma li tista' tidħol fil-vojt – qalbha tajba - mhux egoista – altruista - iċċedi- ma tiġġilidx.
- Agħlaq il-lezzjoni billi turi l-ppt: Il-Milied - Festa ta Ferħ.
- Kompli kkonkludi billi t-tfal jaħdmu talba flimkien u jippreżentawha lil xulxin.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

- Ġużeppi kien mir-razza ta' David u allura kellu jmur Betlem biex jinkiteb.
- F'Betlem ma sabu l-ebda post.
- Ġesù twieled f'Betlem f'għar tal-annimali mingħar lussu ta' xejn.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




It-tfal juru li qegħdin jagħmlu l-isforzi tagħhom biex kull fejn ikunu, speċjalment fil-klassi u d-dar, ikunu kuntenti u ferħanin. Huma jgħinu lil xulxin biex ikunu ferħanin.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Diska tal-Milied.



## Nitolbu

- Aqsam it-tfal fi gruppi u kull grupp jikteb u jippreżenta t-talba tiegħu.

